# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru, 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christabelle Chetcuti)**

**vs**

**Philippa Borg**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Philippa Borg nee' Cortis ta' 58 sena, bint Paul u Philippa nee' Cortis, imwielda Zebbug, Malta fit-23 ta' Awissu 1950, residenti f'35, 'Philant', Triq il-Qamh, Zebbug, Malta, u detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 700150(M);

Akkuzata talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, fis-17 ta' Dicembru 2008 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala ufficjal pubbliku approprijat ruhha, billi dawwret bi profitt ghaliha jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilha taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew

li jsir uzu minnha specifikat, u cioe' hadet u zammet ghandha flus tad-Dingli Day Centre amministrat mid-Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita', liema flus kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilha minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz taghha;

2. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku mad-Dipartiment ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita', ghal xi vantagg privat taghha, ghamlet uzu hazin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew hwejjeg mobbli, illi gew fdati lilha minhabba l-kariga jew impjieg taghha, jew serqithom;

3. u aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, illi minhabba l-kariga jew l-impjieg taghha, kienet fid-dmir li taghmel jew taghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamlet jew tat dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4. kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi, xjentement ghamlet uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvedimenti ta' l-Artikolu 190 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**2.** Rat n-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fis-16 ta' Gunju 2011, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(1) l-artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(2) l-artikoli 18 u 127 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(3) l-artikoli 18, 185(1) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(4) l-artikoli 17, 18, 31, 190 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Semghet lill-imputata tiddikjara li ma kellhix oggezzjoni sabiex dan il-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

**4.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**5.** Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet u semghet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Il-Fatti**

**6.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

1. Fl-1 ta' Jannar 2003 sas-17 ta' Dicembru 2008, l-imputata kienet impjegata bhala part-time social assistant mal-Ministeru ghas-Social Policy, u kienet assenjata doveri bhala Officer in Charge fid-Day Centre ta' Had-Dingli. Skond Bernadette Psaila, il-Kap tad-Day Care Centre, l-imputata inghatat din il-kariga fl-2002, u qabel kienet tahdem bhala staff.[1] Pero mid-dokument ezebit tal-Employment and Training Corporation jirrizulta li l-imputata kienet impjegata mal-Ministeru fl-1 ta' Jannar 2003, u qabel din id-data kien irregistrata bhala part-time self-employed.[2]

2. Dan id-Day Centre ta' Had-Dingli kien miftuh ghall-anzjani nhar ta' Tnejn, Erbgha u Gimgha, u fost l-attivitajiet li kien jorganizza dan ic-Centru kien hemm it-tombla. L-imputata kienet responsabbli ghall-bejgh tal-biljetti tat-tombla u l-anzjani setghu jghazlu li jixtru pakkett shih ta' €4.00 jew nofs pakkett ta' €2.00. Ricevuti tax-xiri ta' biljetti ma kienux jinghataw lill-anzjani. Wara din l-attivita, kienet timtela tombola sheet, ossia rendikont, fejn jitnizzlu l-ammont ricevut ta' flus mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla, jitnaqqas l-ammont ta' rebh li jkun inghata, u jitnizzel il-bilanc.

3. L-imputata kellha zewg assistenti: Patricia Owen u Josette Cutajar.

4. L-attendenza fic-centru kienet ta' madwar 25-30 anzjan. Il-flus li kien idahhal ic-Centru kienu jintuzaw biex ikopru l-ispejjez li kien jaghmel l-istess Centru.

5. Bejn Ottubru u Novembru 2008 kien hemm studenta tal-MCAST, Charlene Calleja, addetta ma' dan ic-Centru bhala parti mill-istudji taghha, u attendiet go dan ic-Centru bejn tlieta u erba' darbiet. Din l-istudenta irraportat lill-lecturers taghha li kienet

[1] Ara xhieda ta' Bernadette Psaila, Head Day Centres a fol. 69-70 tal-process.
[2] Ara fol. 106 tal-process.

osservat diversi irregolaritajiet fic-Centru, fosthom, li l-imputata kienet qed tiddikjara ammont inqas ta' flus minn dak effettivament ricevut fil-bejgh tat-tombla. Id-diskrepanza kienet ta' circa €10 kull darba.

6. Dawn il-lecturers ikkomunikaw din l-allegazzjoni lil Dorothy Meli, Direttur tal-MCAST, li a sua volta irraportat din l-allegazzjoni lil Dr Stephanie Xuereb, direttur fid-Dipartiment tal-Anzjani u Kura fil-Komunita. Dr Stephanie Xuereb ghamlet rapport lill-Pulizija dwar din l-allegazzjoni.

7. Matul l-investigazzjoni tal-Pulizija, iz-zewg assistenti Patricia Owen u Josette Cutajar ukoll allegaw li l-imputata kienet tiddikjara ammont inqas ta' flus minn dak li fil-fatt kien idahhal ic-Centru mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla, u biex dan ma jigix innotatat kienet tigbor il-flus tal-bejgh tal-biljetti tat-tombla go zewg skutelli tal-butir, u tpoggi wahda fuq l-ohra, biex ma jidhrux hafna flus fl-iskutella ta' fuq.

8. Dr Stephanie Xuereb ghaddiet ukoll lill-Pulizija tlett rapporti ohra li sabet fuq l-imputata mibghuta lid-Dipartiment tal-Anzjani, li jkopru l-perjodu bejn Novembru 1999 u Ottubru 2004. Dawn saru minn Mariosa Calafato, li kienet dak iz-zmien officer in charge mid-Dingli Day Centre, Patricia Owen, Elsie Cassar u Josette Cutajar, kollha haddiema li kienu jahdmu fic-Centru, kif ukoll Jacqueline Azzopardi, kunsilliera ta' Had-Dingli. Dawn it-tlett rapporti jippuntaw ghal tbaghbis ta' flus mill-istess imputata fid-Dingli Day Centre.

9. Philippa Borg giet trasferita mid-Dingli Day Centre fis-17 ta' Dicembru 2008, u allegatament wara li giet trasferita, ic-Centru beda jirregistra aktar dhul ta' flus mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

**7.** Qabel tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-mertu tal-kaz, din il-Qorti se titratta zewg kwistjonijiet preliminari sollevati mid-difiza.

*L-Ewwel Kwistjoni – L-Imputazzjonijiet dedotti kontra l-Imputata*

**8.** Fic-citazzjoni, l-imputata giet mixlija b'misapproprjazzjoni, uzu hazin ta' flus minn ufficjal jew impjegat pubbliku, u l-ghoti u l-uzu ta' dikjarazzjonijiet u certifikati foloz.

**9.** In-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali[3] tindika l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw l-istess reati, biz-zieda ta' referenza ghall-iskala tal-pieni preskritta fl-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali.

**10.** Id-difiza tissottometti, minghajr pregudizzju dwar il-mertu, li una volta li fic-citazzjoni ma kienx hemm imputazzjoni bl-aggravju taht l-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni tal-istess Artikolu 310 li l-Avukat Generali zied fin-nota ta' rinviju tal-gudizzju. Id-difiza tissottometti li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni, u d-difiza irriferiet in sostenn tas-sottomissjoni taghha ghas-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[4] deciza fis-7 ta' Dicembru 2001.

**11.** Issa f'din is-sentenza il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet hekk:
*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati u anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat. ... ... Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet*

[3] Ara fol. 151 tal-process.
[4] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

*issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`."*

**12.** Din il-Qorti, kif preseduta, taqbel perfettament ma' dan l-insenjament. Pero, id-difiza qed tinsa li l-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali ma jikkontempla l-ebda reat, imma jikkontempla l-iskala ta' piena f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' xi reat kontemplat taht id-disposizzjonijiet precenti. Ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali, l-Avukat Generali huwa obbligat li fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, jindika l-artikoli tal-ligi li tahthom ikun jidhirlu li tista' tinstab htija ghal xi delitt jew delitti, izda mhux obbligat jindika wkoll l-artikoli tal-ligi li jikkontemplaw il-piena relattiva ghal dawk id-delitti.

**13.** Il-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija determinata mill-piena ghad-delitt. F'din in-nota ta' rinviju ghal gudizzju, l-Avukat Generali qieghed, f'certu sens jillimita d-delitti billi jindika l-artikoli tal-ligi ghal dawk id-delitti li ma jeccedux il-piena ta' ghaxar (10) snin, kif kien jippreskivi l-Artikolu 370(3) meta ntbaghatet in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju *de quo.* Kull referenza li l-Avukat Generali jaghmel f'din in-nota ghal xi artikolu tal-ligi iehor, li ma jikkontemplax delitt, issir biss sabiex jghin lill-Qorti, u *ex abundantia cautela* sabiex jassigura ruhu li l-Qorti tehodhom in konsiderazzjoni.

**14.** Konsegwentement, l-Avukat Generali seta' jinkludi, kif fil-fatt ghamel, l-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali, fin-nota' ta' rinviju ghal gudizzju, minkejja li dan l-Artikolu ma ssemmix fic-citazzjoni, stante li kif gia inghad dan l-Artikolu ma jikkontemplax reat, imma piena biss. Pero anke kieku, l-Avukat Generali ghazel li ma jinkludix dan l-Artikolu, f'eventwali kaz li din il-Qorti issib lill-imputata hatja ta' xi reat elenkat fis-Subtitolu III ta' Titolu IX tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali, hija xorta ghandha tapplika l-Artikolu 310 tal-Kodici Kriminali sabiex tiddetermina l-piena applikabbli.

**15.** Fid-dawl tas-suespost, din is-sottomissjoni tad-difiza qed tigi michuda.

<u>*It-Tieni Kwistjoni – L-Ammissibilita tal-Istqarrija tal-Imputata*</u>

**16.** Id-difiza qed titlob li l-istqarrija rilaxxata mill-imputata u ezebita f'dawn il-proceduri tigi dikjarata inammessibbli stante li fl-istadju tal-investigazzjoni u meta kienet arrestata ma nghatatx dritt li tkun assistita minn avukat qabel l-interrogatorju.

**17.** L-imputata irrilaxxat l-istqarrija taghha fis-17 ta' Jannar 2009, u dak iz-zmien il-ligi Maltija ma kienitx tippermetti li suspettat ikollu d-dritt li jikkonsulta avukat qabel l-interrogatorju, u dan konformi mas-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, deciza fit-12 ta' Jannar 2016 fl-ismijiet **Mario Borg vs Malta**. Ghalhekk, il-Qorti se tilqa' t-talba tad-difiza u tiskarta din l-istqarrija.

**18.** Madanakollu, il-Qorti thossha fid-dover li tikkummenta dwar ix-xhieda li tat l-imputata quddiem din il-Qorti fil-15 ta' April 2015, fejn allegat li hija ma irrilaxxatx din l-istqarrija b'mod volontarju da parti taghha, izda ghaliex giet mhedda mill-ufficjal investigatur, u kien ghalhekk li ma iffirmatx din l-isqarrija. Huwa rilevanti li minkejja li l-istqarrija ittiehdet fis-17 ta' Jannar 2009, l-ewwel darba li l-imputata allegat li hija ghamlet din l-istqarrija ghaliex giet mhedda, kien iktar minn sitt snin wara li rrilaxxat l-istqarrija. Meta l-Ufficjal Prosekutur originali (u mhux dak odjern), li kien ukoll l-Ufficjal Investigatur, gie kontro-ezaminat ma sarulu l-ebda domandi dwar il-mod ta' kif ittiehdet l-istqarrija. WPC 279 Shirley Calleja xehdet li hi kienet prezenti waqt l-istqarrija li ttiehdet lill-imputata u li qabel ittiehdet l-istqarrija l-imputata inghatat is-solitu twissija.[5] Id-difiza ma deherliex li kellha taghmel kontro-ezami lil din ix-xhud, dwar il-mod kif ittiehdet l-istqarrija.

**19.** Din il-Qorti hija moralment konvinta li kieku verament l-imputata hassitha li giet mhedda biex tirrilaxxa l-istqarrija, hija certament kienet tattakka l-validita tal-istqarrija u tichad il-kontenut taghha immedjatament, u mhux thalli aktar minn sitt snin jghaddu biex taghmel dan. Irid jinghad ukoll li l-imputata ghamlet din l-allegazzjoni wara li l-Ufficjal Prosekutur li hadilha l-istqarrija ma baqghax aktar responsabbli ghal din il-kawza, minhabba bdil fid-doveri tieghu.

**20.** Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-allegazzjoni tal-imputata li hija giet mhedda sabiex tirrilaxxa l-istqarrija mhix wahda kredibbli.

**21.** Pero, peress li kif diga inghad, it-tehid tal-istqarrija ittiehed fi zmien meta l-ligi Maltija ma kinietx tippermetti access ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju, u dan bi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-imputata, il-Qorti xorta se tiskarta l-istqarrija.

---

[5] Ara fol. 129 tal-process.

*<u>It-Tielet Kwistjoni – L-ammissibilita ta' tlett ittri ezebiti mill-Ufficcjal Prosekutur</u>*

**22.** Id-difiza qed titlob li tlett ittri ezebiti mill-Ufficjal Prosekutur[6] jigu dikjarati inammissibbli, u dan ghaliex ma gewx konfermati bil-gurament mill-awturi taghhom.

**23.** L-ewwel ittra datata 8 ta' Novembru 1999 hija miktuba minn certu Mariosa Calafato li dak iz-zmien kienet Officer in Charge tad-Day Centre ta' Had-Dingli, meta l-imputata ma kienetx ghada tokkupa l-kariga ta' helper, u hija indirizzata lil Bernadette Psaila, Head Day Centres. Mariosa Calafato ma xehditx f'dawn il-proceduri.

**24.** It-tieni ittra hija data 17 ta' Gunju 2003 hi miktuba minn Patricia Owen, Josette Cutajar u certu Elsie Cassar, u hija wkoll indirizzata lil *"Mrs B. Psaila, Head, Day Centres"*. Elsie Cassar ma xehditx f'dawn il-proceduri. Ghalkemm iz-zewg ko-awturi l-ohra xehdu fil-proceduri odjerni, pero fl-ebda hin fit-testimonjanza taghhom ma ghamlu riferenza ghal din l-ittra u ikkonfermawha bil-gurament.

**25.** It-tielet ittra datata 28 ta' Ottubru 2004 hija miktuba minn certu Dr Jacqueline Azzopardi, fil-kapacita taghha ta' kunsillier lokali ta' Had-Dingli, u hi indirizzata lis-Segretarju Parlamentari responsabbli ghal Kura tal-Anzjani. Din il-persuna wkoll ma xehditx f'dawn il-proceduri.

**26.** Kwistjoni simili ghal dik odjerna giet deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[7] fil-15 t'Ottubru 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs David Sant**. F'dan il-kaz, l-appellant kien ikkontenda li l-Ewwel Qorti missha sfilzat DVD ghax gie mghoddi lill-Pulizija minghajr ma ttella' jixhed min gibed l-istess video. Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma qablitx ma' din is-sottomissjoni u qalet hekk:

**27.** *"Din il-Qorti, pero`, ma taqbilx ma' l-appellant li dan id-dokument kellu jigi dikjarat inammissibbli. Wiehed irid jiddistingwi bejn l-ammissibilita` ta' dokument u l-valur probatorju li jista' jinghata lil tali dokument. Ghalkemm huwa dejjem desiderabbli li meta jigi ezibit dokument li jkun irregistra xi xena jew diskors – film, video clip, tape recording u*

---

[6] Ara Dok AG2 a fol. 31 *et seq.*

[7] *Per* Prim Imhallef Vincent De Gaetano.

*registrazzjonijiet ohra simili – jittella' jixhed xi hadd li jkun jista' jikkonferma kif u taht liema cirkostanza saret dik ir-registrazzjoni, tali konferma ma hix pre-rekwizit ghall-ammissibilita` tad-dokument. Bizzejjed wiehed jiehu l-kaz ta' meta, waqt xi perkwisizzjoni, jinstab ritratt jew filmat li jkun juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga li tkun relevanti ghall-meritu tal-kaz; il-persuna li tkun hadet dak ir-ritratt jew gibdet il-filmat tista' ma tkunx rintraccabbli (tista' anke tkun l-istess imputat li naturalment, bhalma ghandu kull dritt, jibqa' sieket meta mistoqsi dwar dak l-oggett), izda b'daqshekk ma jfissirx li dak id-dokument ma jkunx ammissibbli. In-nuqqas ta' produzzjoni ta' min ha r-ritratt jew gibed il-filmat (jew irregistra l-konversazzjoni) jista', skond ic-cirkostanzi, jincidi fuq kemm dak li juri dak id-dokument huwa minnu – ghalhekk il-valur probatorju. Jista' jkollok ukoll sitwazzjonijiet fejn il-persuna li tkun hadet ir-ritratt jew filmat, jew li rregistrat il-konversazzjoni, tkun talbet li tibqa' anonima. Hekk per ezempju, jista' jkollok filmat li juri lil xi hadd qed jaghmel xi haga – l-azzjoni tkun cara izda ma jkunx jista' jigi identifikat min qed jaghmel dik l-azzjoni, cioe` jekk hux l-imputat jew persuna ohra. Min ikun ha dak il-filmat ikun possibilment jista' jidentifika lill-imputat; jekk jibqa' ma jidentifikahx ghax ma jittellax jixhed, il-prosekuzzjoni tkun naqset milli tipprova li l-azzjoni hemm murija tkun saret mill-imputat. Kwistjoni simili kienet giet deciza mill-Qorti Kriminali fl-14 ta' Dicembru 1998 fis-sentenza (preliminari) fl-ismijiet* ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja***[8] *u in segwitu konfermata fuq dan il-punt minn din il-Qorti kollegjalment komposta*[9]*. Il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammissibilita` ta' registrazzjoni ta' konversazzjonijiet telefonici li allegatament kienu saru bejn l-akkuzat u xhud tal-prosekuzzjoni. Dik il-Qorti kienet iddikjarat il-casette tape relattiv ammissibbli minkejja li l-pulizija kienet naqset, anzi rrifjutat, li tghid min irregistraha u kif dik ir-registrazzjoni kienet saret. Il-Qorti Kriminali f'dak il-kaz kienet ghamlet referenza ghall-insenjament ta' Lord Chief Justice Goddard fil-kaz* ***Kuruma, son of Kaniu v. The Queen***[10] *fejn a pagna 203 jinghad hekk:* ***"…the test to be applied in considering whether evidence is admissible is whether it is relevant to the matters in issue. If it is, it is admissible, and the court is not concerned with how the evidence was obtained. While the proposition may not have been stated in so many words in any English case there are decisions which support it, and in their Lordship's opinion it is plainly right in principle."*** *Ghalkemm dan intqal fil-kuntest ta' allegazzjoni li l-prova kienet inkisbet b'mod illegali, il-principju jibqa' li t-test huwa dak* <u>*tar-relevanza*</u>*: jekk il-filmat jew ritratti jew registrazzjoni hu jew jista' jkun relevanti – jigifieri mhux manifestament irrelevanti – allura, fin-nuqqas ta' xi*

---

8 *Att ta' Akkuza numru 20/97.*

9 *Ara s-sentenza ta' din il-Qorti fil-kompetenza taghha superjuri, u fl-istess ismijiet, tat-3 ta' Mejju 2000.*

10 [1955] AC 197.

*exclusionary rule of evidence dak id-dokument hu ammissibbli, salv dejjem kif inghad il-kwistjoni tal-valur probatorju. Mill-banda l-ohra, jekk ir-relevanza tad-dokument ma tkunx tista' tigi stabbilita mill-istess filmat jew ritratt jew registrazzjoni, allura, fin-nuqqas ta' xi xhud li jkun jista' jistabilixxi dik ir-rilevanza, il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzzjoni li dak l-istess dokument hu manifestament irrelevanti u allura anqas biss tqisu."* (enfasi ta' dik il-Qorti)

**28.** Is-sentenzi iccitati mid-difiza in sostenn tas-sottomissjoni taghha wkoll jaghmlu din id-distinzjoni bejn l-ammissibilita ta' dokument u l-valur probatorju li tista' tinghata lill-istess dokument, ghalkemm forsi mhux b'mod daqshekk car, daqs is-sentenza fuq citata.

**29.** Il-Qorti tal-Appell Kriminali, kif kolleggjalment komposta, wkoll ittrattat kwistjoni simili fis-sentenza **Repubblika ta' Malta vs Meinrad Calleja** deciza fit-3 ta' Mejju 2000, fejn id-difiza issottomettiet li dokument ma kienx ammessibbli ghax l-awtur tieghu ma kienx xehed fl-istruttorja. Il-Qorti tal-Appell Kriminali cahdet din it-talba u irriteniet hekk:
*"Illi, qabel xejn, wiehed irid izomm id-distinzjoni bejn il-prova tal-kontenut tad-dokument u d-dokument innifsu peress li jidher li l-appellant qed jikkonfondi z-zewg aspetti meta ma ghandux jaghmel hekk. Fit-tieni lok jigi osservat ukoll li l-argument li Ciro Del Negro, jekk jezisti, qatt ma gie prodott bhala xhud biex jixhed inter alia fuq l-awtenticita ta' dan id-djarju, m'ghandux iwassal biex aprioristikament, din il-Qorti jew l-ewwel wahda, teskludi l-ammissibilita ta' dan id-djarju, jekk din il-prova – anke biss ta' l-ezistenza ta' dan id-djarju u tas-sejbien tieghu – tista' tkun necessarja."*

**30.** F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat il-konsiderazzjonijiet li ghamlet f'dan ir-rigward il-Qorti Kriminali dwar l-ammissibilita o meno tad-dokument innifsu. Il-Qorti Kriminali kienet irriteniet li dan id-dokument kien ukoll ammissibli ghax *"l-awtur tad-djarju jista' wkoll jigi inferit minn cirkostanzi li talvolta jemergu fil-kors tal-guri (ara Artikolu 635 tal-Kap. 12, rez applikabbli ghall-proceduri penali bl-Artikolu 520(1)(b) tal-Kap. 9). Ghalkemm id-djarju ma hux dokument pubbliku jew semi pubbliku fis-sens tal-Artikoli 627 u 629 tal-Kap. 12, huwa "... kitba ... li tista' taghti informazzjoni, tifsir jew raguni tal-fatti migjuba fil-kawza" fis-sens tal-Artikolu 632(2) tal-Kap.12, rez applikabbli ghall-proceduri odjerni bl-imsemmi Art. 520(1)(b) tal-Kap. 9."*

**31.** Issa d-difiza stess tammetti li Dr Stephanie Xuereb qalet bil-gurament li dawn l-ittri sabithom, wara li saret taf bl-allegazzjonijiet li ghamlet l-istudenta tal-MCAST, u bdiet taghmel ricerka fuq it-tmexxija ta' dan id-Day Centre. Dawn it-tlett ittri hija baghtithom lill-Ufficjal Prosekutur. Pero hija ma setghet tghid xejn dwarhom, ghaliex hi kienet ilha biss sena Direttur meta sar ir-rapport lill-Pulizija f'Dicembru tal-2008.[11]

**32.** Pero, il-Qorti tirrileva li apparti Dr Xuereb, Bernadette Psaila ikkonfermat li hija kienet irceviet it-tlett ittri, u tnejn minnhom kienu indirizzati lilha personalment, u xehdet dwar l-ewwel ittra tal-1999. Hija qalet ukoll li dawn l-ittri, hija ghaddiethom lis-superjuri taghha.[12]

**33.** Ghalhekk, gie debitament ippruvat li dawn l-ittri intbaghtu u gew ricevuti minn Bernadette Psaila, il-Head tad-Day Centres, u konsegwentement dawn l-ittri huma ammissibbli bhala prova.

**34.** Dawn it-tlett ittri huma wkoll rilevanti ghax juru li l-kaz odjern ma kienx l-ewwel rapport li sar mad-Dipartiment fuq l-imputata. Ghalhekk il-fatt li dawn l-ittri ma gewx konfermati bil-gurament mill-awturi rispettivi taghhom ma jirrendihomx inammissibbli, u dan ghar-ragunijiet imfissra mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenzi fuq citati.

**35.** Ghal dak li jirrigwarda il-valur probatorju li ghandu jinghata lil dawn it-tlett ittri, ladarba dawn l-ittri ma gewx konfermati bil-gurament min min kitibhom, ma jistghux jikkostitwixxu prova tal-veracita tal-kontenut taghhom. Dawn l-ittri qieghdin jigu ammessi biss bhala prova li effettivament kienu intbaghtu dawn l-ittri lid-Dipartiment koncernat, kif ikkonfermat Bernadette Psaila.

**36.** Id-difiza tissottometti wkoll li dawn l-ittri huma inammissibbli ghaliex id-dati ta' dawn ir-rapporti huma barra mill-imputazzjonijiet mertu ta' dan il-kaz.

**37.** Il-Qorti taqbel mas-sottomissjonijiet tad-difiza li skond kif inhi redatta c-citazzjoni, l-imputata ghandha tirrispondi massimu ghas-snin 2007 u 2008, u mhux ghas-snin precedenti. Pero dan ma jfissirx li dawn l-ittri m'humiex ammissibbli. Kif diga inghad, dawn l-ittri huma rilevanti u qed jigu dikjarati ammissibbli ghax juru li bhala fatt kien hemm diga ilmenti ohra

[11] Ara fol. 66 tal-process.
[12] Ara fol. 79 tal-process.

kontra l-imputata – irrispettivament jekk dawk l-ilmenti kienux gustifikati jew le – kwistjoni li din il-Qorti lanqas se tidhol fiha, ghax kif sewwa qalet id-difiza dawn l-ilmenti ma jifformawx parti mill-mertu tal-imputazzjonijiet odjerni, apparti li dawn l-ittri ma gewx konfermati bil-gurament min min kitibhom.

**38.** Pero, il-Qorti tosserva wkoll li l-fatt li intbaghtu dawn l-ittri, huwa wkoll ta' rilevanza sabiex din il-Qorti tevalwa l-kredibilita tax-xhieda ta' Bernadette Psaila, Patricia Owen, Josette Cassar u dik tal-imputata stess.

**39.** Id-difiza tattakka l-kredibilita tat-tielet ittra allegatament miktuba minn Dr Jacqueline Azzopardi ghax din l-ittra ma gietx iffirmata u li ghalkemm datata 28 ta' Ottubru 2004, hemm fuqha timbru li jidher li giet ricevuta mill-Ufficju tas-Segretarju Parlamentari relattiv fl-24 t'April 2008. Pero, dawn huma argumenti dwar il-kredibilita tal-kontenut tal-ittra, li din il-Qorti diga iddikjarat li mhux se tidhol fih, u ghalhekk din il-Qorti m'ghandhix ghalfejn tinoltra ruhha fuq dawn il-kwistjonijiet.

**40.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, it-talba tad-difiza sabiex dawn it-tlett ittri jigu dikjarati inammissibbli qed tigi michuda.

<u>*Il-Meritu*</u>

**41.** L-imputazzjonijiet kontra l-imputata fin-nota ghar-rinviju tal-gudizzju huma tar-reati kontinwati ta' misapproprjazzjoni kwalifikata taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali, ta' storn taht l-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali u l-ghoti u l-uzu ta' dikjarazzjonijiet u certifikati foloz taht l-Artikoli 185(1) u 186 tal-Kodici Kriminali.

**42.** Il-Qorti taghmilha cara mill-bidu nett, li ghalkemm tul dawn il-proceduri ingabu provi miz-zewg partijiet dwar allegazzjonijiet ta' irregolaritajiet ohra li kienet taghmel l-imputata bhala officer in charge mid-Dingli Day Centre, l-imputazzjonijiet odjerni jikkoncernaw biss l-allegat uzu hazin li l-imputata kienet taghmel mill-flus ricevuti mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla, u li kienet tiddikjara d-dhul ta' dawn il-flus hazin. Ghaldaqstant, il-Qorti mhix se tinoltra ruhha biex tikkonsidra allegati irregolaritajiet ohra, hlief dawk mertu tal-imputazzjonijiet *de quo.*

**43.** Bernadette Psaila, il-Kap tad-Day Centres u li kienet taghmel il-monitoring tac-Centru, xehdet li l-procedura fir-rigward tal-flus mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla fid-Day Centres kienet li l-helpers ibieghu il-biljetti u l-flus migbura jigu verifikati quddiem wahda mill-anzjani prezenti, li tiffirma ghall-ammont migbur. Il-flus jinghataw lill-officer in charge li terga' tivverifika l-ammont migbur. Pero fil-kaz ta' Had-Dingli, l-bejgh tal-biljetti kien isir mill-officer in charge – cioe mill-imputata – u fl-assenza taghha kienet issir mill-istaff. Tghid ukoll li kien inghata permess minghand id-Direttur ta' dak iz-zmien, is-Sur Bezzina – li ma ttellax jixhed mill-ebda parti - li l-bejgh tat-tombla fid-Day Centre ta' Had-Dingli seta' jsir kemm mill-officer in charge kif ukoll mill-istaff.[13]

**44.** Mill-provi jirrizulta li kien hemm dizgwid bejn l-imputata u l-istaff taghha. Fil-fatt Bernadette Psaila xehdet hekk: *"Jien kont naghmel il-monitoring. Jiena kelli hafna problemi f'dan ic-Centru. Jiena waqt li kont nitkellem maghha* [cioe l-imputata], *kont nitkellem ukoll mal-istaff. Jigifieri l-istaff kienu jghiduli x'kien qed isir u jiena mmur inkellem lid-direttur ghax ahna konna qed nimmoniterjaw kollox. Hi* [cioe l-imputata] *kienet tghidli li hi ma tafdax lill-istaff u l-istaff ma jafdawx lilha kienet tghidli. Jigifieri kien hemm din id-diskrepanza."*[14]

**45.** Il-persuna li indirettament skattat l-investigazzjoni tal-Pulizija fuq l-imputata u dawn il-proceduri kriminali hija effettivament l-istudenta tal-MCAST, Charlene Cutajar. Charlene Cutajar xehdet li l-flus tat-tombla kienet tbieghhom l-imputata biss go qoffa, pero fl-ahhar kienet tiddikjara ammont ta' flus inqas minn dak li verament tkun gabret. Din ix-xhud qalet li hi waslet ghal din il-konkluzjoni billi meta kienet tghodd kemm xtraw biljetti l-anzjani u timmultiplikahom b'kemm kienu jiswew, l-ammont kien jigi iktar mill-flus li l-imputata kienet tikteb li gabret. Hi xehdet hekk *"Ghax kont nghodd. Indur mal-anzjani u nara xi jkunu hadu jekk hux biljetti zghar jew biljetti kbar u kont inkun naf il-prezzijiet taghhom u kont nghoddhom."* Hi tghid li bejn wiehed u iehor kien ikun hemm xi 20 jew 25 anzjan. Kull darba li marret ic-Centru, bejn tlieta jew erba' darbiet, hija innotat diskrepanza ta' xi €10 bejn l-ammont li l-imputata kienet tigbor u l-ammont li kienet tiddikjara.[15]

---

[13] Ara fol. 71 – 72 tal-process.
[14] Ara fol. 72.
[15] Ara fol. 117-119.

**46.** Il-helper Josette Cutajar xehdet li ghall-ewwel li bdiet tahdem ic-Centru, il-biljetti tat-tombla kienu ibieghuhom il-helpers, u wara jinghataw karta mill-imputata biex jiffirmaw l-ammont li kienu bieghu. Pero hi tghid li bdiet tinduna li hi bhala helper tkun gabret izjed flus milli l-imputata kienet tnizzel fuq il-karta tar-rendikont, u ghalhekk bdiet tirrifjuta li tiffirma din l-karta. Josette Cutajar qalet hekk:
*"Ezempju ghandek 10 min-nies bit-2 Euro kull wiehed li gbarthom jiena. Mela jekk ghandek 10 times 2 suppost ikun hemm 20 Euro. U jekk ha naghtuhom 10 Euro rebh suppost baqa' 10 Euro. U jkun baqa' 5 Euro. Allura l-5 Euro l-ohra fejn marru?"* Qalet ukoll, li meta kienet tigbor il-flus kienet tghaddihom lill-imputata biex tikkalkula r-rebh.

**47.** Josette Cutajar tghid li kien baghat ghalihom id-Direttur ta' dak iz-zmien, u staqsiha ghalfejn mhux qed tiffirma, u hi spjegatlu r-raguni. Tghid li d-direttur qalilha li jekk ma tiffirmax ha jaghtihom transfer, u wara dak in-nhar il-biljetti bdew jinbieghu mill-imputata. Pero ix-xhud tghid li ghamlet sena tirrifjuta li tiffirma l-karta. Tghid ukoll li meta kienu jigbru l-flus, l-helpers, kienu u baqghu anke wara li giet trasferita l-imputata, jigbruhom go kaxxa tal-butir. Pero l-imputata kienet tohrog tigbor il-flus b'zewg kaxxi tal-butir.

**48.** Josette Cutajar tghid li meta l-imputata bdiet tbiegh il-biljetti tat-tombla, l-imputata kienet tidhol fl-ufficcju taghha ghax tghid li trid issarraf il-flus, u tghoddhom, biex tistabbilixxi kemm se jinghata rebh, u mbaghad kienet ittihom il-karta mimlija bir-rendikont biex jiffirmawha. B'hekk il-helpers ma kienux ikunu prezenti meta l-imputata tghodd il-flus li jkunu ngabru bil-bejgh tal-biljetti. Cutajar tghid li sahhansitra l-imputata gieli staqsiethom biex jiffirmaw il-karta in bjank, u mbaghad timliha wara. Ix-xhud tghid li hi kienet tiffirma ghax *"jekk ma niffirmawx niehdu transfer u jiena ghalija transfer tfisser nitlaq mix-xoghol ghax jiena dhalt Had-Dingli biex inkun qrib it-tfal. ... ... Ghamilt sena ma niffirmax ghal xejn ghax qatt ma gara xejn. Allura ghalfejn noqghod inhalliha tghajjat u hekk u tghidli iffirma ghax inpattihielek u hafna paroli fil-vojt. Niffirma u daqshekk."*[16]

**49.** In kontro-ezami Josette Cutajar qalet li hija kienet tahdem l-Imtarfa Day Centre, u meta marret tahdem fid-Day Centre ta' Had-Dingli circa fl-2002, kompliet tuza l-procedura li kienu juzaw fl-Imtarfa, u kienet tghodd il-flus quddiem l-anzjani, pero imbaghad l-imputata qaltilha li m'hemmx ghalfejn tghoddhom quddiem l-anzjani u ma baqghetx taghmel hekk. Pero

[16] Ara. fol. 99 tal-process.

imbaghad, l-ebda anzjana ma kienet tkun prezenti ghall-ghadd tal-flus, u xi anzjana kienet semplicement tiffirma l-karta tar-rendikont.

**50.** Il-helper l-ohra Patricia Owen xehedet li meta l-imputata kienet tmur tbiegh il-biljetti tat-tombla, kienet titfa ftit flus mill-bejgh go skutella u ftit fi skutella ohra, it-tnejn go qoffa flimkien mal-biljetti tat-tombla. Mistoqsija ghalfejn kienet tuza zewg skutelli, wiegbet, li ma kinietx taf ir-raguni. Qalet li l-imputata kienet tghodd il-flus wahedha. Gieli wara li tbiegh il-biljetti kienet tidhol fl-ufficju taghha, ghax tghid li jkollha bzonn issarraf il-flus biex taghmel ir-rebh. Imbaghad kienet tati lill-helpers il-karta bir-rendikont diga miktub ta' xi ngabar flus mill-bejgh, l-ammont tar-rebh, u l-ammont ta' flus li kien ghad fadal, u tghidilhom biex jiffirmawha. Tghid ukoll li gieli kienet tigi bil-karta tar-rendikont vojta u ssaqsihom biex jiffirmaw in bjank, u mbaghad timliha wara.

**51.** Meta Patricia Owen giet mistoqsija ghalfejn kienet tiffirma r-rendikont, hi wiegbet hekk: *"ghax kellna minghand Mrs Psaila li ahna rridu niffirmaw u anke darba minnhom gejna quddiem id-direttur li dak inhar kien Mr. Bezzina u qalilna inthom ser tiffirmaw li hemm fil-kaxxa u imbaghad jaghmel dak t'hemm fuq."*

**52.** Bernadette Psaila, il-Head tad-Day Care Centres, li xehdet li kienet taf lill-imputata kemm meta kienet tahdem bhala staff (recte helper) kif ukoll meta lahqet Officer in Charge.[17]

**53.** Dottor Stephanie Xuereb, id-Direttur tad-Dipartiment ghall-Kura tal-Anzjani fil-Komunita, xehdet li hi inghatat il-kariga ta' Direttur xi sena qabel ghamlet ir-rapport mal-Pulizija fuq l-imputata,[18] wara li rceviet email minghand id-Direttur tal-MCAST dwar dak li kienet allegat l-istudenta Charlene Calleja mal-lecturers taghha. Apparti din l-email, Xuereb ma kienet taf xejn di scienza propria dwar l-imputata. Hi xehdet li hi ma tidholx fit-tmexxija tad-day centres sakemm ma jkunx hemm xi problemi fit-tmexxija jew ikunu ser jintroducu xi servizzi godda. Hi dahlet f'dan il-kaz ghax irceviet l-email mid-Direttur tal-MCAST, u allura kellmet lil Bernadette Psaila u bdiet tinvestiga l-ilment.

[17] Ara fol. 70 tal-process.
[18] Ara fol. 64 tal-process.

**54.** Min-naha l-ohra, l-imputata, li ghazlet li tati d-deposizzjoni taghha, xehdet li l-flus tal-bejgh tal-biljetti tat-tombla kienu jinghaddu mill-istaff u anzjana li kienet tintghazel *"at random"*.[19] Fuq il-karta tar-rendikont, kienet tiffirma l-anzjana, wahda mill-istaff u l-imputata.

**55.** Dwar il-mod ta' kif kienu jigabru l-flus tat-tombla, l-imputata qalet hekk: *"(D)in kienet tkun skutella tal-butir tal-Vitalite u kont nigbor, jigbru huma stess il-flus go fiha, kienet tkun bl-ghatu u din l-iskutella tal-butir, din il-kaxxa kienet dejjem tkun pogguta hdejn il-microphone fuq il-mejda li ntellghu t-tombla fuqha."* Mistoqsija jekk apparti din l-iskutella kienx ikun hemm xi skutella ohra, l-imputata wiegbet hekk: *"Jiena generalment dawn iz-zewg skutelli kienu jkunu go xulxin hekk ghax kien ikolli wahda kienet tkun tal-membership fee, kienet tkun fuq il-mejda l-istess."* Iz-zewg skutelli kienu it-tnejn tal-butir tal-Vitalite u *"kienu jkunu go xulxin u kienu jkunu qeghdin, kont naghmilhom, kienu jaghmluhom l-istaff mhux jien, go xulxin u kienu tal-membership fee ipogguhom go fiha taht."* Skond l-imputata kienu jaghrfuhom minn xulxin ghax l-iskutella tat-tombla kien ikun fiha hafna cents u Euros, u l-ohra *"tkun bil-liri ghax kien ikun lira jew lira u nofs insomma u dik konna ntuhom receipt."*[20] (sottolinear ta' din il-Qorti).

**56.** L-imputata tghid li hi kienet tahdem ma' omm l-istudenta tal-MCAST li ghamlitilha r-rapport, ghax din omm l-istudenta kienet helper bhalha fil-Had-Dingli Day Centre. Huma kien jzommu ma' partiti politici opposti, u tghid li omm l-istudenta kienet dejjem tillatika maghha fuq il-politika.

**57.** Mis-suespost huwa ovvju li hemm kunflitt bejn il-verzjoni tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni u dik tal-imputata. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs John Bonnici** deciza fil-11 ta' Mejju 20006, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[21] irriteniet hekk:

*"Illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata . Imma l-Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux. (Ara. "Il-Pulizija vs. Joseph Thorne" [9.7.2003] u ohrajn).*

[19] Ara fol. 216 tal-process.
[20] Ara fol. 219-220 tal-process.
[21] *Per* Imhallef Joseph Galea Debono.

*Illi mbaghad l-artikolu 638 (2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi li f'kull kaz, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha w kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar."*

**58.** Din il-Qorti m'ghandhix ezitazzjoni li tghid li r-raguni li tat l-imputata ghalfejn kienu jintuzaw zewg skutelli tal-butir identici waqt il-gbir tal-flus tal-biljetti tat-tombla mhux biss m'hix attendibbli, izda hija ghal kollox implawsibbli w improbabbli. Fl-ewwel lok, din hi l-unika xhud li semmiet li flus tal-membership fee kienu jingabru go skutella tal-butir ukoll, identika ghal dik li fiha jingabru l-flus tat-tombla, u kienu jitpoggew go xulxin. Fit-tieni lok, certament ma jaghmilx sens prattiku li dawn il-flus jingabru go zewg skutelli identici, ghax dan jista' jaghti lok biss ghal konfuzjoni. L-imputata tghid li kienu jaghrfuhom ghax l-iskutella tal-flus tat-tombla kien ikollha hafna cents u Euro u l-ohra tkun bil-liri – ovvjament hawn l-imputata qed thawwad, ghax hlief ghal xahar wiehed, il-munita Euro u l-munita tal-Lira ma kienux jintuzaw flimkien. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li pakkett tat-tombla kien jiswa €4 u nofs pakkett €2, fil-waqt li skond l-istess imputata, il-membership fee kienet ta' €2.33 (Lm1.00) ghal min jattendi darba fil-gimgha, Eur3.49 (LM1.50) ghal min jattendi darbtejn fil-gimgha u Eur4.66 (Lm2.00) fix-xahar ghal min jattendi tlett darbiet fil-gimgha.[22] Ghalhekk mal-ewwel daqqa' t'ghajn hemm iktar probabilita li l-iskutella tal-membership fee kien ikollha hafna Euro cents iktar minn dik tat-tombla, ghalkemm, ma kien hemm xejn x'izomm anzjan/a li thallas il-biljetti tat-tombla bil-Euro cents ukoll. Ghalhekk meta l-imputata tghid li l-iskutelli tal-butir kienu jintgharfu minn xulxin, skond liema skutella jkun fiha l-aktar cents, dan m'hux kredibbli.

**59.** Fit-tielet lok, il-laqghat fid-Day Centre kienu jsiru tlett darbiet fil-gimgha, u kull prattikament darba kien isir il-loghob tat-tombla. Min-naha l-ohra, certament ma hux kredibbli li kull darba kienet tingabar il-membership fee ukoll. Fil-fatt jekk wiehed jara l-accounts tas-sena 2008 li kienet izomm l-imputata,[23] wiehed malajr jinduna li l-maggoranza assoluta tal-anzjani kienu bhala regola jhallsu l-membership fee fl-ewwel gimgha ta' kull xahar. Ghalhekk certament ma kienx hemm bzonn li l-iskutella li fiha jingabru l-flus tal-membership fee tkun

---

[22] Ara fol. 252 tal-process – document ippreparat mill-imputata u ezebit minnha stess.
[23] Ezebiti bhala Dok AG6 a fol. 60 tal-process,

dejjem taht l-iskutella li fiha jingabru l-flus tat-tombla. Dan apparti li l-fatt li l-iskutelli kienu identici seta' biss jaghti lok ghal tahwid fejn jitpoggew il-flus.

**60.** L-imputata tallega li l-istudenta Charlene Calleja ghamlet rapport fuqha ghax ommha, li snin qabel kienet tahdem bhala helper mal-imputata – jigifieri zgur qabel l-2002 meta l-imputata kienet ghadha tokkupa l-kariga ta' helper – kienet ippikata maghha fuq il-politika. Issa huwa vera li d-difiza gabet prova li l-imputata kienet membru tesserat ta' partit politiku wiehed u omm l-imputata gieli kienet membru tesserat ta' partit politiku iehor, pero jibda' biex jinghad li d-difiza ma gabet l-ebda prova indipendenti li omm l-imputata kienet tillatika maghha fuq politika.

**61.** Wisq inqas jirrizulta mill-provi li Charlene Calleja kienet sforzata minn ommha biex taghmel rapport mal-lecturers taghha fuq il-komportament tal-imputata. Kieku vera Charlene Calleja kellha xi motiv ulterjuri biex tiddannegga lill-imputata, kienet taghmel rapport mill-ewwel l-ghassa tal-Pulizija, u mhux sempliciment tinforma b'dak li kienet qed tara waqt li tkun ic-Centru ta' Had-Dingli lil zewg lecturers taghha, li setghu baqghu siekta u ma hadu l-ebda passi ulterjuri fuq dak li kienet qaltilhom. Lanqas il-lecturers ma ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija izda informaw lid-Direttrici tal-MCAST, li setghet ukoll baqghet siekta, u ma irrapportatx dak li kienet qieghda tghid l-istudenta lil Dottor Stephanie Xuereb.

**62.** Konsegwentement, l-allegazzjoni tad-difiza li Charlene Calleja kienet istigata biex tigdeb fuqha minn ommha certament ma tirrizultax mill-provi. Kif lanqas jirrizulta li Charlene Calleja kellha xi motivi ulterjuri sabiex tiddannegga lill-imputata, jew qatt tkellmet b'animozita fil-konfront tal-imputata. Lanqas fix-xhieda taghha f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma rravvizat xi animozita bil-mod kif Calleja kienet qed tixhed. Lanqas jirrizulta li Calleja kienet diga hasbet u arkitettat ma xi hadd il-mod kif ghandha tixhed. Fil-fatt hi bdiet ix-xhieda taghha hekk *"U meta kont hemm* [Had-Dingli Day Care Centre] *il-care workers kienu qaluli li kienet tisraq u hekk u imbaghad tipo kont noqghod ninnota ftit imma ma tantx kont naghti kaz ghax jiena iktar kien jinteressani mill-anzjani u hekk."*[24] Li kieku Calleja giet "mghallma" minn qabel kif ghandha tixhed, certament ma kinietx se tibda ix-xhieda taghha billi tghid li l-care workers qalulha li l-imputata kienet tisraq. Dan juri li Calleja xehdet b'mod spontanju u onest.

[24] Ara fol. 116 tal-process.

**63.** Id-difiza taghmel ukoll enfazi fuq il-fatt li Charlene Calleja ma taqbilx mal-helpers dwar il-procedura li kienet tuza l-imputata biex tbiegh il-biljetti tat-tombla, ghaliex Charlene Calleja tghid li l-imputata kienet tbiegh dawn il-biljetti minn go qoffa, filwaqt li l-helpers ma jsemmu l-ebda qoffa. Fl-opinjoni tal-Qorti, dan huwa dettal insinifikanti. Huwa verosimili, li l-imputata ma kinietx toqghod iddur ma' l-imwejjed fejn kienu jkunu bil-qieghda l-anzjani, b'zewg tipi ta' biljetti tat-tombla, u zewg skutelli tal-butir go xulxin, izda tpoggihom go kontenitur ikbar, bhal qoffa, u ddur bih, biex hekk ikollha idejha liberi biex tati l-biljetti tat-tombla u tiehu l-flus. Huwa wkoll verosimili li l-imputata kienet tpoggi il-karta tar-rendikont tal-bejgh fl-istess qoffa, biex kollox ikun migbur flimkien.

**64.** Il-fatt li l-helpers ma jsemmux dan id-dettal ma jirrendix ix-xhieda ta' Charlene Calleja inveritiera. Kif irriteniet il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[25] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Ruth-Mary Baldacchino** deciza fis-26 ta' Mejju 2016 *"*(K)*unflitt fil-provi ma ifissirx necessarjament illi xi hadd qieghed jigdeb ghaliex kull xhud ighid dak li huwa jippercepixxi bis-sensi tieghu kif gara f'dan il-kaz. Alla hares kull kunflitt fil-provi jissarraf fil-prosekuzzjoni ghal reat ta' spergur."* Ghalhekk, din il-Qorti kienet tkun sorpriza, u tiddubita mill-kredibilita tax-xhieda tal-Prosekuzzjoni, kieku dawn xehdu b'mod uniformi, ghax dan ikun jindika li jista' jkun hemm kolluzjoni bejniethom.

**65.** Din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li Charlene Calleja xehdet il-verita. Huwa vera li probabbilment hija qaghdet iktar attentata tosserva l-movimenti tal-imputata, ghaliex iz-zewg helpers kienu qalulha li l-imputata kienet tisraq il-flus, pero dan il-fatt ma jirrendix ix-xhieda taghha inveritiera jew mhux kredibbli. Meta ghandek numru limitat ta' anzjani, circa hamsa u ghoxrin kull darba, u wiehed m'ghandu xejn iktar x'jaghmel hlief josserva, huwa facli li ddur maghhom, tara jekk xtrawx pakketti tat-tombla ta' €2.00 jew €4.00, u tahdem mentalment l-ammont ta' bejgh ta' biljetti li suppost ingabar. Calleja kienet tqabbel dan l-ammont ma' dak li tiddikjara l-imputata fuq il-karta tar-rendikont li l-imputata kienet izomm fil-qoffa, u kienet konsistenti fix-xhieda taghha, li dejjem kien hemm diskrepanza ta' circa ghaxar (10) Euro.

**66.** Charlene Calleja xehdet ukoll li hadd hlief l-imputata ma kien jigbor il-flus tat-tombla. Dan jaqbel max-xhieda taz-zewg helpers, kif ukoll max-xhieda ta' Bernadette Psaila, il-Kap

---

[25] *Per* Imhallef Edwina Grima.

tad-Day Care Centres, li d-direttur ta' qabel kien ta lill-imputata l-fakolta li tigbor il-flus tat-tombla hi minflok il-helpers, u li l-imputata ma kienitx tafda lil helpers taghha.

**67.** Fix-xhieda taghha, l-imputata tghid li kienu l-helpers u mhux hi, li kienu jigbru l-flus tat-tombla. Pero il-Qorti osservat li fix-xhieda taghha l-imputata ghamlet zewg *Freudian slips* li huma sottolineati fil-paragrafu numru 55, u cioe is-segwenti: *"kont nigbor, jigbru huma stess il-flus"* u *"kont naghmilhom, kienu jaghmluhom l-istaff mhux jien, go xulxin* [l-iskutelli tal-butir]*"*. Huwa ovvju li kemm fir-rigward tal-gbir tal-flus tat-tombla, kif ukoll kif kienu jitqieghdu l-iskutelli tal-butir, li b'mod naturali spontanju l-imputata tkellmet fl-ewwel persuna fis-singular, u cioe li kienet taghmilhom hi, u mbaghad ikkoregiet ruhha fiz-zewg okkazjonijiet, biex tghid li l-istaff kien jaghmilhom.

**68.** L-imputata tghid li l-anzjana li quddiemha kienu jinghaddu l-flus kienet tintaghazel *at random*. Charlene Calleja mkien ma semmiet li l-flus tal-bejgh tat-tombla kienu jinghaddu mill-imputata quddiem xi anzjan/a, anzi qalet li ma tahsibx li l-anzjani kienu jiffirmaw il-karta tar-rendikont.[26] In oltre, jekk wiehed ihares lejn il-karti tar-rendikont tat-tombla ghas-snin 2007 u 2008 ezebiti[27], wiehed malajr jinduna li tal-inqas 98% tar-rendikonti huma ifffirmati minn certa Mary Lia – apparti mill-helpers u/jew mill-imputata. L-isem "Mary Lia" jidher fil-lista tal-anzjani li kienu jattendu c-Centru,[28] pero certament li la din l-anzjana kienet tiffirma r-rendikont tat-tombla tant frekwentament, din l-anzjana ma kinietx tintghazel "at random", imma ghal xi raguni kienet tintghazel hi mill-imputata biex tiffirma l-karta tar-rendikont.

**69.** Inoltre, il-Qorti tirrileva li l-helper Josette Cutajar certament ma kellha l-ebda interess li tirraporta lill-imputata lid-Direttur ta' dak iz-zmien, u li taghmel sena tirrifjuta li tiffirma l-karta tar-rendikont, sempliciment biex toqghod tillatika u timpika mal-imputata.

**70.** Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, id-difiza tghid li ma tafx ir-ragunijiet ghalfejn il-kollegi taghha riedu jehilsu minnha, pero *"tissuspetta biss li setghu kienu bazati fuq kwistjonijiet politici"*[29] Fix-xhieda taghha, l-imputata mkien ma ssemmi li l-kollegi taghha kellhom animozita lejha minhabba ragunijiet politici, u wisq inqas ressqet l-icken prova sabiex

[26] Ara fol. 122 tal-process.
[27] Ara Dok PB1 esebit minn Bernadette Psaila.
[28] Ara Dok AG5 a fol. 40 tal-process.
[29] Ara fol. 383 tal-process.

tissustanza din l-allegazzjoni, li saret *in extremis* fin-nota ta' sottomissjonijet. Anzi fir-rapport annwali ghas-sena 2008 (is-sena li fiha sari r-rapport *de quo*), li ezebiet waqt id-deposizzjoni taghha, l-imputata kitbet hekk: *"Ir-rapport tieghi mal-helpers l-ohrajn kien ukoll wiehed tajjeb, u wkoll kelli t-tajjeb u l-inqas tajjeb, imma meta tkun fit-tmexxija kont inkun retta u allura xi drabi jkun hemm decizjonijiet li jinzlu inqas tajjeb ma xi whud."*[30] *Prima facie* dan hu kumment verosimili ta' persuna li tkun f'posizzjoni ta' tmexxija, u bl-ebda mod ma jindika l-anomozita li fil-fatt kien hemm bejnha u bejn l-helpers. L-imputata tuza' l-iskuza ta' differenzi politici – li fi kwalunkwe kaz ma gewx ippruvati – bhala *panacea* sabiex tiggustifika ghaliex saru l-ilmenti kontra taghha. Min-naha l-ohra, Bernadette Psaila xehdet li l-imputata kienet tghidilha li s-sors tal-problemi bejniethom kien li hi ma tafdax lil helpers, u l-helpers ma jafdawx lilha – rapport lavorattiv simili certament ma jistax jinghad li hu wiehed tajjeb, kif kitbet u kkonfermat bil-gurament l-imputata.

**71.** L-imputata taghmel enfasi li Bernadette Psaila, il-Head tad-Day Centres, qatt ma sabitilha xi zball fl-accounts tax-xiri u l-bejgh kollu li kien isir fic-centru. Pero dan huwa irrilevanti ghal fini ta' dawn il-proceduri. Dak li jinteressa lil din il-Qorti m'huwiex il-veracita ta' dak kollu dikjarat fl-accounts tad-Day Centres, imma biss il-veracita tar-rendikonti tal-bejgh tat-tombla li kienet tintlaghab bazikament kull darba li l-anzjani jattendu id-Day Centres – li ovvjament kienu jkunu wkoll imdahhla fl-accounts. Bernadette Psaila qatt ma setghet issib zbalji f'dawn ir-rendikonti, ghaliex dawn kienu jigu iffirmati mill-imputata stess, minn ghall-inqas wahda mill-helpers u xi anzjan/a li jkunu prezenti u jghoddu l-flus dak il-hin, u konsegwentement kienu *prima facie* juru dak il-flus li verament ikunu ngabru. L-anzjani ma kienux jinghataw ricevuti ghall-bejgh tal-biljetti tat-tombla. In oltre, mill-provi jirrizulta ampjament, li dawn ir-rendikonti ma kienux qieghdin jimtlew b'mod trasparenti, u effettivament il-helpers kienu jiffirmaw b'ghajnejhom maghluqa ghal dak li tikteb l-imputata, jekk mhux jiffirmaw ir-rendikont in bjank ukoll.

**72.** L-unika spjegazzjoni logika ghalfejn l-imputata kienet tpoggi zewg skutelli tal-butir go xulxin waqt li ddur biex tbiegh il-biljetti, huwa sabiex il-flus li tigbor tqassamhom fiz-zewg skutelli, u allura fl-iskutella ta' fuq ikunu jidhru inqas flus milli fil-fatt ikunu ingabru.

[30] Ara Dok FB3 a fol. 251 tal-process.

**73.** Mill-provi jirrizulta li Bernadette Psaila, bhala Kap tad-Day Centres kienet irceviet ilmenti bil-miktub fl-1999, fl-2003 u f'April 2008 fejn gie allegat li l-imputata kienet tisraq il-flus tat-tombla.[31] Ovvjament, dawn ir-rapporti ma jikkostitwux prova tal-allegazzjonijiet fihom kontenuti, pero huwa rilevanti li l-ilment tal-2003 inkiteb inter alia mill-helpers Patricia Owen u Josette Cutajar, u fix-xhieda taghha Psaila tghid li *"(k)elli rapport li kitbulna l-istaff kif kienet qed issir is-sistema tat-tombla."*[32] Ghalkemm il-helpers ma ikkonfermawx din l-ittra bil-gurament taghhom, fix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti irripetew in sostanza dak li qalu fl-ittra taghhom tal-2003.

**74.** Psaila tghid li dawn ir-rapporti ghaddiethom lis-superjuri taghha.[33] Mix-xhieda ta' Psaila u tal-helper Josette Cutajar jirrizulta li d-Direttur ta' dak iz-zmien, ghal xi raguni iddecieda li ma jinvestigax serjament l-allegazzjonijiet kontra l-imputata tal-2003, u minflok hedded lill-helpers li jekk ma jiffirmawx il-karta tar-rendikont jaghtihom transfer. Il-Qorti mhux ser tikkummetta fuq dan l-agir ta' Direttur ta' dipartiment tal-Gvern. Ovvjament dan il-kliem kellu *a chilling effect* fuq il-helpers, li eventwalment iddecidew li ghalkemm kienu qed jaraw li l-procedura addottata mill-imputata kienet tati lok ghal abbuz minnha, iddecidew li ma jitkellmu xejn izjed, u jaghmlu dak li tghidilhom.

**75.** Id-difiza tinsisti diversi drabi fuq il-fatt li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova diretta li xi hadd ra lill-imputata titfa' xi flus fil-but. Dan l-argument pero ma jimpressjonax lill-Qorti, ghaliex hu elementari illi meta operazzjoni issir kontra l-ligi, issir kemm jista' jkun klandestinament u b'mod li jigu mohbija kemm jista' jkun dawk il-fatturi esterni li jistghu jaghtu xhieda taghha.

**76.** Skond dan l-argument tad-difiza, sabiex tinstab htija fil-kamp kriminali, il-Prosekuzzjoni trid necesarjament tressaq xhieda okulari jew diretta. Jekk wiehed jiehu din is-sottomissjoni ghal konkluzjoni logika taghha, dan ifisser li l-ebda każ ma jista qatt jiġi pruvat mill-Prosekuzzjoni permezz ta' provi ċirkostanzjali, sakemm dak li jkun ma jkunx inqabad *in flagrante delicto*. Dan l-argument tad-difiza m'huwiex legalment korrett. Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex

[31] Ara Dok AG2 a fol. 31 tal-process.
[32] Ara fol. 73 tal-process.
[33] Ara fol. 79 tal-process.

inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.

**77.** Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Ellul Vincenti**, deciza fit-3 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[34] irriteniet hekk:

**78.** *"Jinghad fil-bidu nett li mkien fil-Ligi ma tobbliga lill-Qorti li hija tkun certa minghajr ombra ta' dubju dwar htija o meno ta' akkuzat. Ic-certezza tinsab fir-Ren Divin u fl-akkuzat illi jaf cert x'gara u ma garax. Ghal fini ta'gustizzja umana huwa bizzejjed illi dik il-prova tilhaq il-livell ta' minghajr dubju dettat mir-raguni u cioe' livell oghla mill-probabbli illi huwa bizzejjed biex jissodisfa xi tezi jew ohra tad-difiza. ... ...*

**79.** *Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, adirittura impellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u r-responsabilta' taghha ghal dak ir-reat, u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari, izda jkollok diversi indizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."*[35]

**80.** Din il-Qorti hija konxja tad-diversi prononzjamenti ta' dawn Qrati fis-sens li *"circumstantial evidence does not lie but it may deceive",* u ghalhekk sabiex din it-tip ta' prova tista' twassal ghall-inferenza ta' htija trid tkun univoka u mhux thalli miftuha aktar minn possibilita wahda oltre dik ta' htija. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Emanuel Seisun** deciza fid-9 ta' Jannar 1998 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) [36] irriteniet hekk fir-rigward:

**81.** *"L-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni taghha ta' htija fuq il-bazi ta' provi indizzjarji. Issa ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar important mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci:*

---

[34] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[35] Ara wkoll fl-istess sens is-sentenza **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deciza fit-8 ta' Novembru 2014 mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) *per* Imhallef Michael Mallia.
[36] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

**82.** *"Circumstantial evidence is receivable in criminal as well as in civil cases; and, indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than the latter; for, in criminal cases, the possibility of proving the matter charged in the pleading by the direct and positive testimony of eye-witnesses or by conclusive documents is much more rare than in civil cases; and where such testimony is not available , the jury are permitted to infer from the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. "It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another … … It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference." Per Lord Norman in Teper v. R. [1952] A.C. 480 at 489, P.C." (Archbold 1997, para 10-3).*

**83.** Huwa vera li dan il-kaz huwa principalment ibbazat fuq provi cirkostanzjali. Pero din il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa il-provi kollha, u fid-dawl tal-konsiderazzjoni fuq esposti, hija tal-opinjoni li dawn il-provi huma univoci u jippuntaw kollha - minghajr dubbju dettat mir-raguni – ghal konkluzjoni wahda – u cioe li f'diversi okkazzjonijiet l-imputata kienet tiehu xi ammont zghir mill-flus li kienet tigbor mit-tombla.

**84.** Ghalhekk, din il-Qorti hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova sal-grad rikjest fil-kamp kriminali li l-imputata hadet xi parti mill-flus li ngabru mill-bejgh tat-tombla f'dawk il-granet li fihom kienet prezenti l-istudenta Charlene Calleja. Billi m'hemmx certezza jekk din l-istudenta attendietx tlieta jew erba' darbiet ic-Centru, din il-Qorti se tati l-beneficcju tad-dubbju lill-imputata u se tikkunsidra li attendiet biss tlett darbiet. Charlene Calleja xehdet li d-diskrepanza li kienet tirriskontra bejn il-flus li kienet tikkalkula li l-anzjani taw lill-imputata u l-ammont li l-imputata kienet tiddikjara fir-rendikont kien ta' xi €10 kull darba.

**85.** Rigward il-perjodu ta' zmien l-iehor u cioe bejn is-snin 2007 u s-17 ta' Dicembru 2008 (apparti it-tlett granet li fihom attendiet l-istudenta), ghalkemm il-provi indizzjarji kollha jippuntaw lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ghall-konkluzjoni li kien hemm drabi fejn l-imputata kienet tiehu xi flus li kienet tigbor mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla, pero mill-provi ma jirrizultax jekk dan kienx isir kull darba li kienet tintlaghab it-tombla – u cioe tlett darbiet fil-gimgha – u lanqas gie ipprovat l-ammont globali tal-flus li hadet. Konsegwentement, l-ammont ta' flus li hadet l-imputata f'dan il-perjodu huwa wiehed indeterminat.

**86.** Dan gara ghaliex ix-xhieda tal-helpers Patricia Owen u Josette Cutajar fir-rigward ta' x'kien qed jigri fis-snin 2007 u 2008 m'hix dettaljata, u jikkoncentraw ix-xhieda taghhom fuq dak li gara fil-bidu li saret officer-in-charge l-imputata, u cioe is-snin 2002 u 2003, meta baghtu l-ittra bl-ilment taghhom lil Psaila. Dawn is-snin ma humiex mertu tal-proceduri odjerni. Sfortunatament, ghar-ragunijiet li inghaddu aktar il-fuq, il-helpers addottaw l-attitudni li jhallu lill-imputata taghmel li trid, u huma jaghmlu kulma tghidilhom hi, anke jekk kienu jafu li dan qed jaghti lok li l-imputata tabbuza mill-flus li kienet qed tigbor mit-tombla. Kienet l-imputata biss li kienet tbiegh il-biljetti tat-tombla, u l-helpers ma kienux joqghodu jghoddu kull darba kemm kien hemm anzjani u kemm xtraw biljetti tat-tombla – kif ghamlet l-istudenta tal-MCAST - biex jaraw kemm suppost l-imputata iddikjarat bhala dhul mill-bejgh tat-tombla. Inoltre, dak iz-zmien ma kien jinzamm l-ebda record ta' kemm effettivament ikunu inbieghu biljetti tat-tombla f'gurnata wahda.

**87.** Il-Prosekuzzjoni ipproduciet bhala ukoll l-introjtu li sar mill-bejgh tat-tombla fis-sena 2009, cioe fis-sena wara li l-imputata giet trasferita, sabiex turi li f'din is-sena l-introjtu zdied, u allura targumenta li dan ifisser li fis-snin 2007 u 2008, l-imputata kienet qieghda taghmel uzu hazin tal-flus. Pero dan l-argument ma hux legalment sostenibbli, ghax kif irrilevat l-imputata jista' kien hemm ragunijiet legittimi ohra ghalfejn l-introjtu zdied dik is-sena, per ezempju jekk l-anzjani kienu jqattghu iktar hin minn siegha jilghabu t-tombla f'gurnata wahda.

**88.** Konsegwentement, il-Prosekuzzjoni ma ippruvatx sal-grad rikjest fil-kamp kriminali kemm-il darba (apparti it-tlett darbiet li fejn kienet prezenti l-istudenta tal-MCAST) fis-snin 2007 u 2008 l-imputata hadet flus li kienet tigbor mill-bejgh tal-biljetti tat-tombla, u kemm kien l-ammont globali tal-flus li hadet.

**89.** Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament li l-imputata kienet tokkupa l-kariga ta' ufficjal pubbliku meta hadet dawn il-flus.

**90.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti issib lill-imputata hatja tar-reati kontinwati ta' storn kontemplat taht l-Artikolu 127(1) tal-Kodici Kriminali u tal-ghoti ta' dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz minn ufficjal pubbliku kontemplat taht l-Artikolu 185(1) tal-Kodici Kriminali. Il-Qorti tirrileva li fil-mori ta' dawn il-proceduri, u wara li l-Avukat

Generali kien baghat in-nota ta' rinviju ghal-gudizzju, l-Artikolu 127 tal-Kodici Kriminali gie ri-enumerat Artikolu 127(1), u dan bl-emendi li saru bl-Att IV tal-2013.

**91.** La darba din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni l-imputata hija hatja ta' dawn ir-reati, hija se tastjeni milli tikkunsidra jekk l-imputata hijiex hatja tar-reati l-ohra elenkati fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali, stante li l-imputazzjoni tar-reat kontinwat ta' misappropjazzjoni aggravata taht l-Artikoli 293 u 294 tal-Kodici Kriminali giet moghtija b'mod alternattiv ghal dik ta' storn, fil-waqt li l-imputazzjoni tar-reat kontinwat ta' uzu minn dikjarazzjonijiet jew certifikati foloz kontemplat fl-Artikolu 186 gie wkoll moghti b'mod alternattiv ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 185, li tieghu l-imputata instabet hatja.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

**92.** Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-fedina penali aggiornata tal-imputata tista' titqies bhala wahda netta, stante li ghandha kundanna wahda biss ghal kontravvenzjoni li grat ftit inqas minn hamsin sena ilu.

**93.** Ghal fini ta' piena, l-imputazzjoni ta' ghoti ta' dikjarazzjonijiet u certifikati foloz ghandha tigi assorbita fil-piena tar-reat ta' storn, stante li serviet bhala mezz ghal fini sabiex jigi kommess ir-reat ta' storn.

**94.** Ghar-ragunijiet moghtija iktar il-fuq, mill-provi ma jirrizultax l-ammont globali li l-imputata serqet. Skond ix-xhieda ta' Charlene Calleja, l-istudenta tal-MCAST, kull darba li marret id-Day Centre, innotat diskrepanza ta' cirka ghaxar Euro (€10) bejn l-ammont li l-imputata kienet tigbor mill-bejgh tat-tombla u l-ammont li kienet tiddikjara fir-rendikont.[37] Din l-istudenta marret tlett darbiet fic-centru, u konsegwentement mill-provi jirrizulta li l-imputata serqet l-ammont ta' cirka tletin Euro (€30) biss bhala ammont determinat, ghax l-ammont l-iehor baqa' mhux determinat.

**95.** Skond l-Artikolu 127(1) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-reat ta' storn hija dik ta' prigunerija minn sentejn sa sitt snin u l-interdizzjoni generali perpetwa.

---

[37] Ara fol. 119 tal-process.

**96.** Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tkun wahda fil-minimu taghha, u mhix se tgholli din il-piena bi grad jew zewg gradi, kif ghandha d-diskrezzjoni li taghmel peress li r-reat kien wiehed kontinwat ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali.

**97.** Il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena idonea m'ghandhix tkun wahda ta' prigunerija effettiva, pero l-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa hija wahda tassattiva ghal dan ir-reat.

**Konkluzjoni**

**98.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti:

1. wara li rat l-Artikoli 18, 127(1) u 185(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja tar-reati fihom kontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz qed tikkundannaha ghal piena karcerarja ta' sentejn (2), li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula, qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' erba' (4) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Ai termini ta' l-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li tonqos milli tosservaha, u cioe f'kaz li tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

3. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 293, 294, 185(2) u 186 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. In oltre, il-Qorti qed tikkundanna lill-hatja ghal piena ta' interdizzjoni generali perpetwa.

**Doreen Pickard**

**Magistrat** **Deputat Registratur**